# PATRUNI TAL-MELLIEĦA TA' L-IMGĦODDI

**Minn John Bezzina**

Sa l-1575, il-limiti tal-Mellieħa, kienu jibdew mill-Mosta saż-Żebbieħ, l-Imġarr u Għajn Tuffieħa u jibqgħu sejrin saċ-Ċirkewwa u l-Armier. Kienet parroċċa kbira imma mferrxa. Minħabba il-biża tas-Sibbien, għalkemm parroċċa kbira l-popolazzjoni tagħha fl-1575 kienet żgħir u mferrxa 'l hemm u 'l hawn. Dwar dan Mons Dusina kiteb: **"Quia tota illa regio caret habitatoribus qui ne a piratis ite de facili vexarent ... "** (" ... Bla nies ...").

Fis-sekli ta' qabel il-popolazzjoni kienet akbar, qed ngħidu qabel l-1423 meta bdew iqumu fuq tagħhom is-sibbien ta' Tuneż. Din il-popolazzjoni kienet komposta l-aktar min-nisa, tfal u xjuħ, għaliex iż-żgħażagħ u l-irġiel sa sittin sena aktarx iva milli le kienu impjegati jew fuq il-ftit xwieni li kellha il-familja Inguanez, xwieni suppost għaddifisa tal-Gżejjer Maltin, bħala għajnuna lill-flotta tas-Sultan, imma li fil-fatt ankrati fl-Għadira; jew fl-oqsma tas-Sinjuri Fewdaturi inkella f'dawk tas-Sultan. Nafu wkollli xi irġiel minn xi rħula żgħar li kienu jagħmlu mal-Mellieħa kienu wkoll jagħmlu l-għassa fid-Dejma.

Ix-xjuħ dawk 'il fuq minn sittin sena kienu sajjieda, jaħdmu xi farka raba', irabbu n-naħal ujiraw il-ftit mogħoż u nagħaġ li kellhom. Xogħol in-nisa kien fid-dar u fil-għalqa. Huma kienu jieħdu ħsieb ir-raba meta żwieġhom kienu lsiera jew impjegati kif għedna. Kienu huma li jiżirgħew u jħawwlu huma li jiġbru l-ftit tewm, basal u ħaxix tal-borma. Kienuhuma li kienu jiġbru zkuk, friegħi, żraġen niexfa, li flimkien ma' sagħtar niexef kienu jservuhom għan-nar. Huma kienu n-nissieġa, huma kienu jagħġnu, jaħmu u jsajjru, huma kellhom f'idejhom il-kura tat-tfal u jieħdu ħsieb ix-xjuħ li ma jifilhux wilmorda.

## QADDISIN PROTETTURI

U din il-popolazzjoni 'mferrxa 'l hemm u 'l hawn fil-limiti kbar tal-Mellieħa, inkella fuq il-baħar qrib ix-xatt jew 'il bogħod kellha bżonn ta' Qaddisin Protetturi biex tħarisha. Kull irħajjel żgħir li kien jaħmel mal-Mellieħa kellu l-knisja jew knejjes tiegħu. Il-Mellieħa wil-Melleħin kellhom jishru fuqhom tal-inqas 26 knisja u għalkemm Mons Dusina ma jsemmihomx kollha, it-toponomastika tixhed l-esistenza tagħhom u forsi ta' oħrajn.

Nisiltu li fost it-396 knisja li żar Dusina, fosthom sab li 151 waħda dedikati lil Madonna imqassmin hekk: 80 Santa Marija (L-Assunta), 24 lil Lunzjata, 19 lil Bambina, 12 liż-Żjara ta' S. Elizabetta, 2 lil Gandlora, 2 tas-Sokkors wil-bqija waħda waħda lil Madonna taħt diversi titoli.

Mis-26 knisja li kienu jeżistu fil-Mellieħa w fl-idwar (: fid-dawra: fil-limiti) tagħha, sitta kienu dedikati lil Madonna. Dan l-għadd kbir ta'knejjes f'Malta u Għawdex u fil-Mellieħa lkoll dedikati lil Madonna jixhdu li l-Mellieħa bħal bqija tal-gżejjer Maltin kienet taħt il-Ħarsien tal-patruna Speċjali ta'Malta.

## KNEJJES TAL-MADONNA

Ferm qabel l-Assedju tal-1565 insibu fil-limiti tal-Mellieħa, knisja dedikata lit-Twelid tal-Madonna (il-Bambina), qed ngħid għal S. ANNA tal-Pwales fejn fil-kwadru kien u għad hemm il-Madonna tarbija fi ħdan ommha S. Anna patruna tan-Nissieġa tal-Farda, mis-suf tan-ngħaġ. Insibu l-knisja tal-Kunċizzjoni (1) u l-oħra tal-Lunzjata t-tnejn patruni tan-nisa, il-waħda tax-xebbiet u l-oħra ta' l-ommijiet żgħażagħ, li jkunu għadhom kif qabdu l-ħajja taż-żwieġ. Imbagħad kien hemm il-knisja tal-Visitazzjoni jew tal-Virtù (Taż-Żjara lil S. Eliżabetta) patruna tan-nisa tqal meta jkunu mal-erbgħinijiet. Imbagħad għandna l-Madonna tas-Santwarju li bħal ta' qabilha hija troglodita, u huma mill-eqdem knejjes tal-Mellieħa. Il-Madonna tas-Santwarju kienet patruna tal-ħelsien tal-lsiera, imma fuq kollox Patruna Speċjali tal-Mellieħa u tal-Melleħin. L-aħħar knisja dedikata lil Madonna hija ta' S. Marija taż-Żebbiegħ mibnija fuq għaqba, mnejn kienet tishar u tħares il-witat taħtna.



## SAN NIKOLA TA' BARI

Wara l-Assunta, l-akbar għadd ta' knejjes dedikati lil qaddis wieħed, huma dawk is-36 waħda f'ġieħ lil S. Nikola ta' Bari jew ta' Mira. Fil-Mellieħa ta' dan il-qaddis nsibu li kien hemm waħda troglodita, f'għar fi Ġnien Ingraw (: Angarao Ingwanez). Dan il-għar għandu il-bokka tiegħu tħares lejn l-Għadira. Aħna għedna li l-familja Inguanez kellha x-xwieni tagħha li kienu jorbtu fl-Għadira, issa S. Nikola ta' Mira, minn meta baħħara neguzjanti serqu l-ġisem (fdalijiet) tiegħu minn Mira u ħaduhom lejn Bari, S. Nikola sar patrun tan-negozjanti baħħara.

## SAN ĠORĠ

Fit-tielet post għal dawk li huma knejjes dedikati lill-istess qaddis,wara S. Nikola jiġi S. Ġorġ, u għalkemmDusina jsemmi biss ħmistax-il waħda nafu li fil-fatt tal-inqas kienu sittax-il waħda u t-topomastika ta' dawn il-gżejjer tindika li qabel Dusina l-għadd ta' knejjes dedikat lil S. Ġorġ kien akbar. Fil-Mellieħa nfisha Dusina jsemmi li kien hemm knisja f'ġiehu, jsemmi oħra fl-imħawi tal-Mosta, li kienu fil-limiti tal-Mellieħa (sa żmien Dusina). Fl-inħawi tal-Qadi jew ta' l-Imdawwra (llum limiti ta' Burmarrad) fl-1557 jissemma "BIEB S. ĠORĠ" ħaġa li tindika li fl-imħawi kien hemm knisja f'ġieh S. Ġorġ. Fil-Wardija sal-lum insibu knisja dedikata wkoll lil S. Ġorġ u għalkemm dik tal-lum inbniet fis-seklu XVII, aktarx li nbniet flok oħra eqdem. S. Ġorġ kien patrun tal-Kavallerija. S. Gorġ kien u għadu wieħed mill-patruni ta Malta u Għawdex wil-knejjes tiegħu insibuhom : qrib il-Baħar,fuq il-għoljiet u Wardijiet. Insibuhom fil-qalba tal-belt, u matul it-triqat ewlenin tal-imgħoddi. Insibuhom qrib l-Ibraġġ u fortifikazzjonijiet ta' kull żmien.

Sa l-1575 jishru wkoll mill-għoli fuq dawk li kienu limiti tal-Mellieħa, insibu li kien hemm knisja ta' S. Ġorġ f'Għargħur, u tnejn oħra fin-Naxxar waħda minnhom f'Tat-Tarġa.

## SAN ĠWANN L-GĦAMMIEDI



L-akbar għadd ta' knejjes wara dawk f'ġieh S. Ġorġ, fi żmien Dusina kienu dawk dedikati lil S. Ġwann Battista. F'Malta u Għawdex kien hawn 16-il waħda, li tnejn minnhom kienu 'il ġewwa mill-limit tal-Mellieħa, liema żewġt knejjes kienu mibnija qabel il-miġja tal-Kavallieri ta' S. Ġwann. Il-fatt li f'din ix-xaqliba kienet teżisti dik tal-Pwales ħdejn il-knisja ta' S. Anna u l-oħra tal-Ħereb fuq il-Wardija jixhdu l-qima tan-nies tal-inħawi lejn dan il-qaddis patrun tal-Magħmudijiet, li għand tradizzjoni hija fejn hija l-knisja tal-Ħereb, S. Pawl għammed lil "POPILIUS" (Mel. Primus) fis-sena 60 W. K. u hemm ukoll fejjaq lil missieru mill-marda ta' sabb id-demm.
Hawn ta' min ifakkar wkoll drawwiet missierijietna: il-ħġejjeġ ta' lejliet S. Ġwann bil-lejl u t-tfal jaqbżu l-istess ħġejjeġ, bħal ma kien isir fil-festa ta' l-alla tal-biedja Pales, li l-festi tagħha il-Palilia kienu jsiru fil-Calendi Maggio. Il-pupu li kienu jagħmlu t-tfal miċ-ċraret, ix-xebbiet idewwbu ċ-ċomb u jwaddbuh fl-ilma kiesaħ u mill-forma li jieħu ċ-ċomb kienu jaqra xortihom.

## S. MIKIEL, SAN ĠAKBU, SAN FILEP U SANT'INDRIJA.

Wara S. Ġwann fi żmien Dusina l-akbar għadd ta' knejjes fil-gżejjer tagħna kienu dawk f'ġieh S. Mikiel, tnax-il waħda. S. Mikiel patrun tal-piżaturi u tal-kejjiela (pl.ta Kejli: dak li juża l-kejla). Waħdu minn dawn il-knejjes kienet u għadha teżisti f'Burmarrad waħda f'Tal-Qadi qrib l-Imdawwra, (sas-seklu XVI limiti tal-Mellieħa). Għalkemm Dusina ma jsemmihiex, nafu minn fontes oħra li kienet diġa teżisti. Imbagħad fl-1575, insibu 10 knejjes f'Ġieh S. Ġakbu (patrun ta' l-Aragonisi). Għalkemm s'issa ma sibniex knisja f'ġiehu propju fil-limiti tal-Mellieħa, nafu li fis-Santwarju hemm xbieħa tiegħu flimkien ma' dik ta' S. Filippu Appostlu ieħor, u aktarx li l-knisja ta' S. Filippu li kienet teżisti setgħet kienet wkoll dedikata lil San Ġakbu.

Ta' S. Indrija fl-1575 kienu jeżistu wkoll 10 knejjes u li waħda minnhom kienet u għadha wieqfa fl-inħawi tal-katakombni tal-Bistra f'Ħal Dmiegħ, magħrufa bħala ta' S. Indrija il-CHARES (: Ħares: ĦARRIES? : QARES???). S. Indrija kien u għadu patruntas-sajjieda.

## SAN PAWL

Semmejna lil S. Pawl . L-għadd ta' knejjes f'ġiehu għalkemm il-patrun principali ta' Malta u Għawdex kien biss ta' 9 f'Malta u Għawdex, daqs l-għadd ta' knejjes f'ġieh S. Bert, patrun tal-biċċiera, San Bastjan, patrunt tal-pesta u S. Anard patrun tal- ilsiera u kalzrati. Ta' dawn l-aħħar tlieta safejn nafu, ma kien hemm l-ebda knisja fil-limiti tal-Mellieħa filwaqt li f'ġieh S. Pawl insibu is-Santwarju tal-Ħuġġieġa f'S. Pawl il-Baħar, fejn kif jingħad il-Maltin flimkien ma' Pawlu qabbdu l-ħuġġieġa biex jisħnu wara l-inkaljar tal-ġifen. Għandna wkoll il-knisja ta' S. Pawl Milqi, f'Burmarrad, li skond tradizzjoni nbniet fl-oqsma ta' Popilius fejn Pawlu u sħabu ġedw milqgħuwa lkoll, 264 ruħ.



Dwar is-sebgħa knejjes l-oħra ċioè:S. Martin, S. Pankrazju, is-Salvatur, S. Margerita (tnejn),S. Żakkarija, S. Pawl Eremita u Santa Katerina f'imħabba n-nuqqas ta' spazju inħalluhom għas-sena li ġejja.

1. Ara l-istudju tagħna fil-Programm tal-Festa tal-Parroċċa ta' din is-sena 1989.